# *Bini storiku f'Marsaxlokk*

(It-Tielet Parti)

*... ikompli mill-ħarġa l-oħra*

F'din is-sensiela taħt it-titlu "Bini Storiku f'Marsaxlokk", bdejna naraw flimkien x'bini ta' mportanza nsibu ġewwa r-raħal ta' Marsaxlokk. Din is-sensiela hija maqsuma fi tlitt kapitli ewlenin, l-ewwel wieħed dwar 'il-Fortifikazzjonijiet', it-tieni wieħed dwar 'Bini ta' Żminijiet Differenti' u t-tielet wieħed huwa dak li qegħdin nippubblikaw din is-sena li jitratta dwar 'Knejjes, Kappelli u Niċeċ' li nsibu madwar ir-raħal pittoresk ta' Marsaxlokk.

Inkomplu mela naraw flimkien l-istorja ta' 'bini reliġjuż' li nsibu f'dan ir-raħal.

## Kapitlu 3: Knejjes, Kappelli u Niċeċ

### Il-Knisja Parrokkjali

#### a) Il-bini tal-knisja

Fl-1888, ix-Xlukkajri ingħaqdu f'laqgħa u bagħtu delegazzjoni għand l-Isqof u talbuh ħalli jibnu knisja għalihom. L-Isqof studja s-sitwazzjoni u approva li jinbeda l-bini tal-knisja l-ġdida.

Il-familja nobbli Zammit Gauci minn Ħaż Żebbuġ offriet l-art ftit 'il fuq minn Sant'Andrija għall-bini ta' din il-knisja. L-Arċipriet Dun Ġużepp Diacono tax-Xagħra Għawdex offra li jagħmel il-pjanti b'xejn. Il-Markiża Rosina Sabbatini, miżżewġa lill-Markiż Ġużeppi Apap Testaferrata (1874), offriet li tħallas nofs l-ispejjeż jekk kemm-il darba l-knisja tiġi ddedikata lill-Madonna ta' Pompei.

Fis-sena 1890 saru l-preparamenti meħtieġa u beda l-bini tal-knisja fuq il-pjanta li kien għamel Dun Ġużepp Diacono. Meta kienet lesta, ġiet iddedikata lill-Madonna ta' Pompei u għalhekk il-Markiża żammet il-wegħda tagħha. In-nofs l-ieħor ta' l-ispejjeż inġabar mix-Xlukkajri stess. Il-knisja l-ġdida bdiet tintuża u fis-27 ta' Novembru 1892, l-Isqof ħatar bħala Viċendarju lil Dun Lawrenz Degabriele.

Fi żmien it-tieni kappillan, jiġifieri fl-1910 kienu ġa bdew jinbnew il-kor u l-kappelluni u b'hekk il-knisja ħadet il-forma ta' salib kif nafuha llum il-ġurnata.

Fi żmien il-kappillan Dun Salv Gatt, inbeda x-xogħol għall-bini tal-kumplament tal-knisja, jiġifieri l-kampnari u l-faċċata tal-knisja. Ix-xogħol beda fl-1930 mill-bennej Ġużeppi Mifsud u sħabu Żwieten. Imbagħad, fis-sena 1933, l-istess kappillan inkariga lill-aħwa Salvu, Ġużeppi, Ġammari u Anġlu Cumbo sabiex jibnu l-kampnari mal-faċċata.

Wara li lesta l-kampnari fl-1933, l-istess kappillan ħaseb ħalli l-knisja tkun miksija bil-madum. Imbagħad ġew magħluqa ż-żewġ bibien li kienu jagħtu għaż-żewġ sagristiji u minflok saru żewġ artali, u minflok dawn il-bibien saru tnejn oħra biswit l-istess artali. Saru wkoll żewġ bibien oħra li mis-sagristiji jagħtu għall-kor. F'dan iż-żmien ukoll saret il-gallerija ta' l-orgni u l-Imgħallem Suban installa l-arloġġ fil-faċċata tal-knisja fl-1936.

Ix-xogħol fuq il-koppla nbeda fit-13 ta' Mejju 1947 mill-Imgħallem Żejtuni Rożu Abela. Kellhom isiru xi arranġamenti fuq l-erba' ħnejjiet prinċipali tal-knisja sabiex il-koppla jkollha 'sodda' soda. U fl-1948 tlesta l-bini tal-koppla. Immedjatament wara beda l-ġbir għat-twieqi ta' l-istess koppla u kull waħda ġiet tiswa £5.

Il-kappillan Dun Tarcisio Delicata ħaseb ħalli jkompli jsebbaħ il-faċċata tal-knisja billi fl-1976 żied l-istatwa tal-Madonna Padruna tas-Sajjieda fuq il-fondispizju ta' l-istess knisja parrokkjali.

Il-kappillan Dun Mario Tong ħaseb li jkompli jikkoltiva dak li kien hemm. Infatti l-ewwel xogħol tiegħu kien li beda ż-

żebgħa tal-koppla minn barra. Il-kappillan ta' wara, Dun Ġużepp Mifsud kompla t-tiswija ta' l-istess koppla billi bidel it-twieqi l-antiki u saru oħrajn ġodda. Dan il-kappillan ħaseb ukoll sabiex jibdel iż-żewġ soqfa tas-sagristiji peress li dawn kienu fi stat ikkundannat. Għamel ukoll tiswija fuq il-qniepen tal-knisja.

Il-kappillan preżenti ħaseb sabiex imexxi l-artal maġġur il-ġewwa fil-kor sabiex jintrebaħ aktar spazju fil-knisja u għalhekk sar artal mejda ġdid ta' l-irħam. Dan il-kappillan ħaseb ukoll sabiex jerġa' jiżboħ il-koppla minn barra u jsewwi s-saqaf tal-knisja minn barra qabel ma beda l-proġett taż-żebgħa tal-knisja.



*Bust tal-Vergni Mqaddsa Marija Addolorata*

## b) Pitturi, statwi u artali

Ix-Xlukkajri mill-ewwel bdew jaħsbu sabiex ikollhom l-istatwa tal-padruna tagħhom u għalhekk, għalkemm kien żmien ta' faqar, saru diversi ġabriet għal dan il-għan u s-sajjieda bdew joħorġu l-offerta tat-terz lill-Madonna. L-istatwa tal-Madonna nħadmet ġewwa Lecce fl-Italja, bil-figuri tal-Madonna u l-Bambin biss u din waslet fuq ix-xtut ta' Malta fir-rebbiegħa ta' l-1990. Il-figuri ta' Santa Katerina ta' Siena u San Duminku ta' Guzman żdiedu xi żmien wara.

Maż-żmien komplew isiru diversi opri ġodda. L-ewwel waħda hija l-aktar ta' preġju u din hija l-pittura ta' San Vinċens Ferreri li ġiet irregalata lill-knisja ta' Marsaxlokk mill-Kanonku Bormliż Costantino Cilia la Corte. Din il-pittura hija xogħol tal-pittur famuż Ġużeppi Cali.

Il-kappillan Busuttil ħaseb ukoll li jġib kurċifiss kbir għall-knisja u dan ġabu minn Bormla u tqiegħed fil-kappellun tal-lemin. Taħt dan l-istess kurċifiss insibu bust ta' Marija Addolorata li nħadmet ukoll ġewwa Lecce. Din kienet ġiet mogħtija lill-knisja minn qarib tal-kappillan Busuttil. Il-knisja ta' Marsaxlokk hija mgħammra b'numru ta' pitturi mhux ħażin. Fost dawn il-pitturi, ħamsa għandhom l-artal tagħhom, erba' minnhom tilfu l-artal tagħhom waqt li l-bqija huma nkwadri mdendlin biss mal-ħajt:

1. Santa Katerina ta' Lixandra (xogħol Lazzru Pisani)
2. Ġesu' u Santa Marija Alacoque (xogħol Ramiro Cali)
3. Madonna tal-Karmnu (xogħol Ġużeppi Cali)
4. Il-Lunzjata (xogħol Ġużeppi Cali)
5. Is-Salvatur (xogħol Ramiro Cali)
6. Madonna tal-Karmnu (xogħol Ramiro Cali)
7. Santa Tereża tal-Bambin Ġesu' (xogħol Giorgina Mifsud)
8. San Ġwann
9. Santa Marija Madalena
10. San Ġużepp(xogħol )
11. San Duminku ta' Guzman (xogħol Bonnici)
12. San Pietru (xogħol Ġużeppi M. Caruana)
13. Il-Madonna ta' Pompei (xogħol Markiż Peppinu Apap Testaferrata)
14. San Pawl (xogħol Ġużeppi M. Caruana)
15. Il-Battalja ta' Lepanto (xogħol Bonnici)
16. Sant'Andrija (xogħol )
17. San Tumas d'Aquino
18. San Vinċens Ferreri (xogħol Ġużeppi Cali)
19. San Duminku

## c) Kappillani u avvenimenti oħra

| | |
|---|---|
| Dun Salv Delia | 1897 - 1902 |
| Dun Ġużeppi Busuttil | 1904 - 1918 |
| Dun Rużar Balzan | 1918 - 1925 |
| Dun Salv Gatt | 1926 - 1953 |

| | |
|---|---|
| Dun Pantaleon Orland | 1953 - 1963 |
| Dun Lawrenz Mifsud | 1963 - 1964 |
| Dun Alfred Xuereb | 1964 - 1970 |
| Dun Tarcisio Delicata | 1970 - 1981 |
| Dun Mario Tong | 1981 - 1990 |
| Dun Ġużepp Mifsud | 1990 - 1998 |
| Dun Eric Overend | 1998 - |

11 ta' Jannar 1897 - Marsaxlokk sar parroċċa
7 ta' Jannar 1912 - It-tberik tal-knisja
17 ta' Settembru 1967 - Konsagrazzjoni tal-knisja
11 ta' Jannar 1997 - Marsaxlokk mitt sena parroċċa
13 ta' Mejju 2000 - Konsagrazzjoni ta' l-artal mejda

## Il-Kappella ta' Tas-Silġ

Il-kappella ta' Tas-Silġ ġiet mibnija oriġinarjament fl-1650. Dik li naraw illum nbniet fl-1832 fuq disinn ta' Franġisku Fabri miż-Żejtun. Il-Markiża Anġolina Muscat Cassia Dorell kienet ħallset għall-bini tagħha. Illum, din il-kappella tagħmel parti mill-kunvent tal-Patrijiet Karmelitani Tereżjani, li min-naħa tagħhom ħadu ħsieb jirranġaw u jikkultivaw kemm il-kappella kif ukoll il-palazz li nsibu magħha.

## Il-Kappella ta' San Pietru (Dumnikan) Martri

L-istorja ta' din il-kappella hija miġbura f'kitba bil-Latin li nsibu fuq il-bieb prinċipali ta' l-istess kappella. Il-kitba tgħid hekk: "Din il-knisja taħt l-isem ta' San Pietru Martri, ġiet mibnija minn Dun Pietru Busuttil u mbierka fis-sena 1682. Il-Patrizju Malti, E. Gauci Testaferrata kabbarha fis-sena 1875." Dan Testaferrata ġedded il-faċċata, żied il-kappelluni tal-ġnub u għamlilhom artal f'kull naħa, għamel il-qiegħa u z-zokklu ta' l-irħam ukoll. Din il-kappella, sa ftit snin ilu, kellha l-privileġġ li fil-festa ta' l-istess qaddis jitbierek iż-żebbuġ u l-ilma bir-relikwa ta' l-istess qaddis u kif ukoll iċ-ċrieket ħalli jagħtu l-għajnuna lin-nisa fil-ħlas.

F'din il-kappella jinsabu midfuna sitt membri tal-familja Testaferrata u Manduca. Insibu wkoll tlitt artali ddedikati wieħed lil San Pietru Dumnikan Martri (xogħol Baskal Buhagiar), ieħor lill-Madonna tal-Karmnu u ieħor lir-Redentur (xogħol Ġużeppi d'Arena). Insibu wkoll statwa mdaqqsa ta' Sant'Anna li saret ġewwa Franza. Din il-kappella hija ġuspatronat.



*Kappella ta' San Pietru (Dumnikan Martri)*

## Il-Kappella ta' San Pawl

Il-Kappella ta' San Pawl Nawfragu, tinsab eżattament fl-inħawi magħrufa bħala Xorb l-Għaġin. Din il-kappella żgħira telgħet madwar is-seklu 17 u 18 u fiha altar wieħed. Din l-kappella hija puspatronat.

## Il-Kappella ta' San Niklaw

Din il-Kappella ta' San Niklaw (propjament ta' San Nikola) kienet ġiet mibnija mill-ġdid mis-Sur Ġan Franġisk Gauci madwar is-sena 1650. Fiha nsibu altar wieħed u nkluż magħha nsibu wkoll sagristija ċkejkna. Wara tal-kappella, insibu wkoll dar imdaqqsa li kienet tintuża mis-saċerdot li kien jieħu ħsiebha.

Interessanti huwa l-fatt li għalkemm din il-kappella ma għandhiex kampnari, fil-faċċata tagħha naraw nava żgħira ħafna u fiha wieħed għadu jista' jara qanpiena żgħira mdendla.